# Il-Bijografija ta' Michel Cooper



Michel Cooper huwa ġuvni ta' tnejn u tletin sena li twieled u jgħix l-Amerika, fl-istat tal-Hawaii. Twieled fl-1 t'Awwissu 1991, jum li jibqa' mfakkar minn bosta Ħawajani għax seħħ wieħed mill-aktar terremoti qattiela li qatt kien hemm fil-gżejjer tal-Hawaii, għaliex ħa l-ħajja ta' eluf ta' Ħawajani.

Meta kien żgħir, Michel attenda l-iskola elementari ta' Keonepoko. Huwa eċċella fl-istudji u s-suġġetti akkademiċi tiegħu, tant li rnexxielu jidħol fl-aktar Universita` prestiġġjuża fl-Amerika, Harvard. Hawnhekk, Michel kompla jispeċjalizza fil-Kimika u l-Bijologija. Qabel ma beda jattendi Harvard, huwa ddedika xahar sħiħ iżur pajjiżi differenti li jinstabu fl-Ewropa u sewwa jgħidu li l-ewwel ma tiekol hija l-għajn, għax għadu affaxxinat bis-sbuħija li ra.

Michel għamel suċċess kbir tul ħajtu, tant li akkwista Dottorat fil-psikjatrija u fetaħ il-kumpanija tiegħu msemmija 'Littler' fejn jimmaniġġja klinika li titratta nies bi problemi mentali. Dan kien avveniment importanti f'ħajtu għax mhux talli l-kumpanija tiegħu għandha valur ta' ħames miljun dollaru, imma talli fetaħha meta kellu biss 25 sena.

Michel għandu karattru kunfidenti u ottimist allura jagħmel il-ħbieb f'kemm trodd salib. Huwa trabba f'familja qalbiena u li dejjem tat lil nies inqas minnhom. Missieru, Kevin Cooper, huwa kowċ tat-tim lokali tal-baskitbol u ommu Ella Cooper taħdem bħala pulizija fejn ġeneralment kienet tagħmel iljieli twal taħdem fit-tard u allura trabba tul parti kbira minn ħajtu mingħajr figura t'omm. Għandu wkoll żewġt aħwa jisimhom Noah u Ryan fejn

kienu l-idoli ta' Michel għaliex huma għallmuh il-valur veru li tkun bieżel u ma titgħażżinx. Huwa miżżewweġ ma' tfajla jisimha Mia u għandhom kelb jismu Max li għandu kulur lewn is-silġ b'tikek suwed.

Iħobb iqatta' ħafna ħin mal-kelb tiegħu u fil-ħin liberu tiegħu jħobb jibni u jikkrea repliki ta' binjiet storiċi. Meta kien żgħir, kien jilgħab il-futbol qabel ma kellu jieqaf għaliex weġġa' u ma setax ikompli. Meta kiber eleva ħajtu fejn sar iktar estrem u beda jagħmel is-'Surf Boarding.'

Michel huwa entużjast għall-futur għaliex iħares lejh b'mod pożittiv u jaf li għad ħa jiltaqa' ma' esperjenzi ġodda tul it-triq ta' ħajtu.

**Kitba ta':**
**Miguel Bezzina**
**L-Iskola Nazzjonali tal-Isport**